

31991D0115

6.3.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 59/19

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Frar 1991

li tistabbilixxi Kumitat dwar l-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti

(91/115/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-abbozz tad-deċiżjoni ippreżentat mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku w Soċjali ⁽³⁾,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/141/KEE tat-12 ta' Marzu 1990 dwar il-kisba ta' konverġenza progressiva tal-politika u l-pres-tazzjoni Ekonomika uaqg l-ewwel stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja ⁽⁴⁾ tinvolvi il-ħtieġa li jkun disponibbli ndikaturi konsistenti, partikolarment fl-oqsma monetarji, finanzjarji u tal-bilanċ tal-pagamenti;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/142/KEE tat-12 ta' Marzu 1990 li temenda d-Deċiżjoni 64/300/KEE dwar il-kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea ⁽⁵⁾ għandha l-għan partikolarment li tmexxi "l quddiem il-koordinazzjoni tal-politika monetarja li neċessarjament tiddipendi minn indikaturi ta' sorveljanza komuni;"

Billi għalhekk hemm il-ħtieġa li jkun stabbilit, bħala sezzjoni tal-programm multiannwali statistiku tal-Kummissjoni, programm multiannwali ta' xogħol fil-qasam tal-istatistika monetarja, finanzjarja w tal-bilanċ tal-pagamenti;

Billi bid-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom ⁽⁶⁾ il-Kunsill stabbilixxa Kumitat għall-Programm Statistiku tal-Komunitajiet Ewropej, li jinkludi rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-istatistika tal-Istati Membri, sabiex jassigura l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni waqt li jkun stabbilit il-programm tal-istatistika;

Billi, fl-Istati Membri, l-istatistika monetarja u bankarja titfassal mill-banek ċentrali, u l-istatistika finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti titfassal minn istituzzjonijiet differenti, li jinkludu l-banek ċentrali;

Billi fil-preżent ma hemm ebda korp li jassigura l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u il-Kummissjoni fl-oqsma

tal-istatistika monetarja, finanzjarja w tal-bilanċ tal-pagamenti li fuqhom l-istituzzjonijiet nazzjonali ewlenin interessati huma rappreżentati;

Billi jenħtieġ, biex tinkiseb din il-kooperazzjoni, partikolarment bil-għan li tinkiseb l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, li jkun stabbilit kumitat magħmul minn rappreżentanti ta' dawn l-istituzzjonijiet, li jkun responsabbli biex jgħin lill-Kummissjoni tfassal u timplimenta l-programm multiannwali ta' xogħol konness mal-istatistika monetarji, finanzjarji w tal-bilanċ tal-pagamenti;

Billi, wara li ġie kkunsidrat ir-rwol speċifiku fl-Istati Membri li jkollhom l-istituzzjonijiet imsemmija qabel, jenħtieġ li jippermettu lill-kumitat jagħżel il-president tiegħu;

Billi hemm, mill-aspett tal-istatistika, interdipendenza mill-qrib bejn l-oqsma monetarji, finanzjarji w tal-bilanċ tal-pagamenti minn naħa waħda, u xi oqsma oħra ta' statistika ekonomika minn naħa l-oħra;

Billi t-talba mill-Istati Membri w mill-istituzzjonijiet tal-Komunita li żdiedet għat-titjeb fl-informazzjoni statistika titlob għat-titjeb tal-kooperazzjoni bejn l-utenti w il-produtturi tal-istatistika monetarja, finanzjarja w tal-bilanċ tal-pagamenti;

Billi eżami ta' jekk ix-xogħol tal-Kumitat ikunx jilħaq l-ħtiġiet li jista' jkun hemm fil-ġejjieni tas-Sistema tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jitwettaq fil-qafas ta' dak li akkwistat l-Unjoni Ekonomika u Monetarja,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-pagamenti, minn issa "il quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat' huwa b'dan stabbilit."

Artikolu 2

Il-Kumitat għandu jgħin lill-Kummissjoni fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-programm multiannwali ta' xogħol konness ma' l-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti. Il-Kumitat għandu, partikolarment, ikollu d-dover li jesprimi opinjonijiet rigward l-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' l-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti meħtieġa għall-politika kif implementata mill-Kunsill, mill-Kummissjoni, u mill-kumitati differenti li jgħinu.

⁽¹⁾ ĠU C 212, tal-25.8.1990, p. 5.

⁽²⁾ ĠU C 324, tat-12.24.1990.

⁽³⁾ ĠU C 31, tas-6.2.1991, p. 22.

⁽⁴⁾ ĠU L 78, ta' l-24.3.1990, p. 23.

⁽⁵⁾ ĠU L 78, ta' l-24.3.1990, p. 25.

⁽⁶⁾ ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

Il-Kumitat jista' jintalab li jesprimi opinjonijiet dwar il-konnessjonijiet bejn l-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti minn naħa l-waħda, u xi statistika ekonomika oħra minn naħa l-oħra, partikularment dawk li fuqhom huma bbażati l-kontijiet nazzjonali. Ix-xogħol ta' dan il-Kumitat għandu jkun ikkoordinat ma' dak tal-Kumitat tal-Programm tal-Istatistika.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni, bl-inizjattiva tagħha, u, jekk ikun il-każ, wara talba minn għand il-Kunsill jew minn għand il-kumitati li jgħinu, għandha tikkonsulta lill-Kumitat rigward:

- (a) l-istabbiliment ta' programmi multiannwali tal-Komunità għall-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti;
- (b) il-miżuri li l-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li tiegħu biex tilħaq l-għanijiet imsemmija fil-programmi multiannwali għall-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti u r-riżorsi u l-iskedi taż-żminijiet involuti;
- (ċ) kull kwistjoni oħra, partikolarment kwistjonijiet ta' metodoloġija, li joriġinaw mill-istabbiliment jew mill-implimentazzjoni tal-Programm ta' l-Istatistika fl-oqsma rilevanti.

Il-Kumitat jista' jesprimi opinjonijiet minn rajh dwar kull kwistjoni konnessa mal-istabbiliment jew ma' l-implimentazzjoni ta' programmi tal-istatistika fl-oqsma monetarji, finanzjarji u tal-bilanċ tal-pagamenti.

Artikolu 4

Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn wieħed, tnejn jew tlett rappreżentanti għal kull Stat Membru, li jkunu ġejjin mill-istituzzjonijiet li jkunu l-aktar interessati fl-istatistika finanzjarja, monetarja u tal-bilanċ tal-pagamenti, u minn tlett rappreżentanti tal-Kummissjoni.

B'żieda ma dan, rappreżentant wieħed tal-Kumitat tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-Komunita u rappreżentant wieħed tal-Kumitat Monetarju jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kumitat bħala osservaturi.

Rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet oħrajn, kif ukoll kull persuna li tista' tikkontribwixxi fid-diskussjonijiet, tista', fuq deċiżjoni tal-Kumitat, tipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat.

Artikolu 5

Il-Kumitat għandu jagħżel il-president tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-Istati Membri. Is-segretarjat tiegħu għandu jkun ipprovdut mill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Il-Kumitat għandu jistabilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Frar 1991.

Għall-Kunsill

Il-President

J.-C. JUNCKER